MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 82/2010

**Emmanuel Azzopardi (ID 751644M), u Georgina Azzopardi (ID 857644M) u Alex Iavarone (ID 228851M) u Mary Iavarone (ID 187352M)**

**vs**

**Adrian Busutiil (ID 8865 M) u Mary Rose Busuttil (ID 187352M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti :

Illi huma jikru lill-intimat il-garage mhux ufficjalment immarkat bin-numru 4 li gja kien imsemmi 'Azzopardi Garage' u li llum huma imsemmi 'Busu Garage', Triq tal-Handaq Qormi, bil-kera ta' €19.79 (dsatax-il Euro u disgha u sebghin centezmu) kuljum li jithallsu bi tlett xhur bil-quddiem u dan kif jirrizulta minn skrittura privata datat 3

ta’ Marzu 2003 hawnhekk annessa u mmarkata Dokument A;

Illi dan il-garage huwa proprjeta tar-rikorrenti;

Illi l-intimati baqghu moruzi fil-pagamenti ta’ erba’ skadenzi konsekuttivi ta’ kera li cioe’ li ghalqu fis-6 ta’ Settembru 2009, 6 ta’ Dicembru 2009, 6 ta’ Marzu 2010 u 6 ta’ Gunju 2010 u inoltre lanqas hallsu l-ammont ta’ €1736 (elf seba’ mija u sitta u tletin Euro0 bhala spejjes tad-dawl u l-ilma rigwardanti l-istess garage (Dok E);

Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati jhallsu tal-iskadenzi tal-kera dovuti minnhom kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma dovuti minnhom permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 8 ta’ Jannar 2010 u 8 ta’ Marzu 2010, u ittra interpellatorja datata 15 ta’ Dicembru 2009, hawnhekk annessi u mmarkati bhala Dokument B u Dokument C u Dokument D, izda l-intimati riedu ihallsu biss pagament in parti;

Illi l-intimati sal-lum ghandhom jaghtu r-rikorrenti l-ammont ata’ €8614.14 (tmint elef, sitt mija u erbatax-il Euro u erbatax il-centezmu) ta’ erba’ skadenzi ta’ kera, oltre l-ammont ta’ €1,737 bhala kont tad-dawl u l-ilma;

Illi stante din l-inadempjenza tal-intimati r-rikorrenti iridu jxolju l-lokazzjoni u jirriprendu l-pussess tal-imsemmui fond;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li jafu l-fatti suesposti personalment u li sa fejn jafu r-rikorrenti, l-intimati m’ghandhomx difiza x’jaghtu kontra l-odjerna talba u ghalhekk huma l-kaz li l-Bord jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza pendenti b’mod sommarju ai tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu;

1. Fl-ewwel lok jisma u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh in virtu’ tal-artikolu 16A tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fit-tieni lok, jordna x-xoljiment tal-lokazzjoni fuq imsemmija u konsegwentement jawtorizza lir-rikorrenti jirreprendu l-pussess tal-garage mhux ufficjalment immarkat bin-numru 4 li gia kien jismu ‘Azzopardi Garage’ u li llum jgib l-isem ‘Busu Garage’, Triq tal-Handaq Qormi, stante l-morozita fil-pagament tal-kera da parti tal-intimati;

3. Fit-tielet lok jordna lill-intimati jivvakaw u jizgombraw mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat- 8 ta’ Jannar 2010 u tat-8 ta’ Marzu 2010 kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni u b’riseva a favur ir-rikorrenti ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri lilhom spettanti skond il-ligi kontra l-intimati;

Ra illi l-intimati kienu debitament notifikati bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh, kif ukoll illi wiehed mill-intimati Adrian Busuttil kien debitament prezenti u assistit meta ssejhet il-kawza;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn il-Bord, wara li semgha lil Adrian Busuttil u lid-difensuri tal-partijiet iddecieda li ma kien hemm ebda raguni ghaliex m’ghandux jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ikkonsidra:

Illi wara l ezamina r-rikors guramentat u semgha bil-gurament lir-rikorrenti jiddikjara illi ma kien ebda kambjament mill-prezentata tar-rikors sal-lum;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif ravvizati fir-

rikors promutorju u jawtorizzahom jirriprendu l-fond de quo fi zmien xahar (1) mil-lum waqt liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhallih vakanti ghal-libera ripresa mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------